MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1122/2002/2

**Albert Attard**

**v.**

**MaryAnne Selvagi**

**Il-Qorti:**
Rat ir-rikors ta' Albert Attard, minnu pprezentat fid-19 ta' Lulju 2007, li permezz tieghu talab l-esekuzzjoni provvizorja tas-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) tal-31 ta' Mejju 2007 fl-ismijiet premessi;

Rat id-digriet preliminari taghha tas-27 ta' Lulju 2007 li permezz tieghu din il-Qorti ordnat in-notifika tal-kontroparti u appuntat ir-rikors ghas-smigh ghall-lum;

Semghet lill-partijiet u lid-difensuri taghhom sommarjament fl-udjenza tal-lum; hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, limitatament pero` ghall-finijiet tat-talba kif migjuba, cioe` ghall-finijiet tal-esekuzzjoni provvisorja tal-imsemmija sentenza;

Rat l-Artikolu 266 tal-Kap. 12 u in partikolari s-subartikolu (7) tieghu;

Hadet in konsiderazzjoni wkoll li apparti l-"pregudizzju" lill-partijiet, f'dan il-kaz wiehed irid izomm f'mohhu l-ewwel u qabel kollox l-interess tal-minuri involut f'din il-kawza (liema kawza tirrigwarda esklussivament l-access tal-missier ghal inbu minuri), liema minuri llum ghandu disa' snin;

Peress li hi tal-fehma li jikkonkorru c-cirkostanzi msemmija fis-subartikolu (7) aktar 'l fuq imsemmi;

Tilqa' t-talba u tiddikjara provvizorjament ezegwibbli s-sentenza tal-ewwel Qorti, cioe` tal-31 ta' Mejju 2007, b'dan pero` li r-rikorrent Albert Attard ghandu (**i**) darba matul il-gimgha u siegha qabel ma jkun ser jibda l-access ghal ibnu imur il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana u hemm jissottometti ruhhu ghall-ezami tan-nifs biex jigi stabbilit jekk ikollux alkohol fis-sistema tieghu, (**ii**) mhux aktar tard minn siegha wara tmiem l-access tal-*weekend* imur ukoll fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija fil-Furjana ghall-istess fini, u (**iii**) ihalli l-*mobile phone* dejjem mixghul u b'batterija tajba b'tali mod li jkun jista' kull hin jigi kkuntattjat minn ufficjali ta' l-Agenzija Appogg li qed jigu awtorizzati li jaghmlu spezzjonijiet fid-diskrezzjoni taghhom biex jizguraw li r-rikorrent f'ebda hin meta jkun mat-tifel ma jkun taht l-influwenza tax-xorb. L-ufficjali ta' l-Agenzija Appogg ikollhom dritt jitolbu kopja tar-rizultati tal-ezami tan-nifs, u l-Kummissarju tal-Pulizija qed jigi awtorizzat li jghaddi dawn ir-rizultati lill-imsemmija ufficjali; u f'kaz li l-ufficjali ta' l-Agenzija Appogg jirriskontraw jew li r-rikorrent kien f'xi hin taht l-influwenza tax-xorb, jew li ma jistghux jikkuntattjawh, jew xi cirkostanza ohra li fil-fehma taghhom ma tkunx fl-ahjar interess tal-minuri in kwistjoni,

l-istess Agenzija ghandha minnufih tinforma lil din il-Qorti, anke b’semplici ittra indirizzata lir-Registratur.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ dan il-provvediment tigi minnufih komunikata mir-Registratur lill-Kummissarju tal-Pulizija u lic-*Chief Executive Officer* ta’ l-Agenzija Appogg.

Spejjez, jekk hemm, ta’ din il-procedura jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------